30 ta' Mejju, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Angelo Scicluna** *versus* **John Scerri** (*)

**Pagament — Prova.**

*Huwa prinċipju mhux kontradett li min jallega l-pagament għandu jippruvah.*

*Fil-konflitt tal-provi għandu jitqies li l-pagament allegat ma ġiex pruvat.*

*Il-fatt li l-kreditur idum ma jirreklama l-kreditu tiegħu, meta dan ma kienx kuntrastat, ma jiswa xejn biex jgħin l-eċċezzjoni tal-pagament.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta li b'cheque numru 28782, maħruġ fit-23 ta' Awissu 1946 fuq in-National Bank of Malta, ir-Reverendu Dun Giuseppe Scerri, bħala inkarikat minn Carmelo Scerri, il-lum mejjet, jew/u l-interessati fid-ditta "C. & F. Scerri", ħallas lill-konvenut is-somma ta' £201. 5. 11, bl-intiża però li minnha l-konvenut

(*) **Konfermata fl-Appell, 19. 11 1951.**

kellu jħallas is-somma ta' £187. 11. 9 lill-attur għax-xogħol ta' trasporti li l-attur għamel Kospikwa bit-truck tiegħu numru 7454 akkont ta' Carmelo Scerri jew/u l-interessati fid-ditta "C. & F. Scerri" (dok. A u B); li dan iċ-cheque ġie inkassat mill-konvenut fis-26 ta' Awissu 1946; u li l-konvenut, non ostante l'ittra uffiċjali tal-24 ta' Frar 1951, mill-ammont minnu hekk inkassat naqas li jħallas lill-attur, skond id-delegazzjoni lilu mogħtija kif fuq ingħad, is-somma ta' £187. 11. 9, li żamm indebitament f'idejh; u talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni, previa, jekk hemm bżonn id-dikjarazzjoni illi l-attur huwa kreditur ta' Carmelo Scerri jew/u tad-ditta "C. & F. Scerri", fl-ammont fuq imsemmi ta' £187. 11. 9 għal xogħol ta' trasporti li l-attur għamel Kospikwa bit-truck tiegħu numru 7454 (dok. B), il-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur, bl-imgħaxijiet kummerċjali mid-data li tiffissa din l-Onorabbli Qorti, is-somma ta' £187. 11. 9 li huwa żamm f'idejh indebitament f'lok ma ħallasha lill-attur kif fuq ingħad. Blispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Frar 1951, u bl-imgħaxijiet kummerċjali mid-data li tiffissa din l-Onorabbli Qorti, kontra l-konvenut imħarrek għas-subizzjoni;

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Kif jidher mill-istess.............., il-konvenut ma jiċħadx li hu rċieva.............. cheque għas-somma ta' £201. 5. 11 .............. Il-konvenut jallega li hu ħallas lill-attur is-somma li kien delegat iħallas lilu;

Hu prinċipju mhux kontrastat in materja illi min jallega l-pagament għandu jipprovah (ara sentenza ta' din il-Qorti, sedenti l-Imħallef Dr. Paolo Vella, in re "Negte. Michele Apap ne. vs. Giuseppe Grech", 28 ta' Mejju 1885, fejn ġie sanċit il-prinċipju illi "la prova del pagamento è a peso del convenuto che lo allega"; u ara wkoll sentenza App. Inf., sedenti l-kompjant Imħallef Dr. Luigi Camilleri, "Cassar vs. Agius", 9 ta' Lulju 1924, li kkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Grad, fejn kien ingħad similment illi l-piż tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li, jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju għandu jiġi riżolut favur l-attur. Dan hu in armonija mal-prinċipju ġenerali aċċettat minn żmien antik mit-trattatisti Ingliżi f'materja probatorja, u ġie hekk espress

mill-Philips, Treatise on the Law of Evidence, page 189:— "Although in general it is necessary for a party who brings an action, to prove all the material facts which he alleges in support of his caim, yet, where the defendant pleads a fact within his own knowledge in discharge of himself, and the plaintiff still insists on the defendant's liability, then the burden of the proof lies on the defendant, not upon the plaintiff";

Għalhekk, f'dan l-każ, konkormement għal dan il-prinċipju, il-piż tal-prova tal-pagament jinkombi lill-konvenut;

Biex jipprova dan il-pagament *il-konvenut* offra x-xhieda tiegħu, fejn qal illi, bejn wieħed u ieħor xi erba' jew ħames xhur wara li nkassa ċ-cheque, hu ħallas lill-attur, meta kienu weħedhom fid-dar tal-konvenut, bi flus karti;

L-attur ċaħad il-pagament allegat mill-konvenut;

Fil-konflitt tal-provi ta' dawn iż-żewġ xhiediet ma jidherx li għandha tiġi *aċċettata dik tal-konvenut*; għal dawn ir-raġunijiet li ġejjin:—

*Omissis*;

Id-difensur tal-konvenut osserva illi l-attur dam ma irreklama l-ħlas. Din l-osservazzjoni kien ikollha xi valur kieku l-kreditu oriġinali ta' l-attur kien b'xi mod kontestat, mentri ma hux negat li fil-fatt hu *kien kreditur fl-ammont li qiegħed* jitlob. Hu anki verosimili dwar dan il-pont dak li qal l-attur, li, peress li hu ma kienx jaf li bejn is-soċji kien hemm xi disgwidi, u peress li hu ma kellux bżonn urġenti ta' flus, hu ma ppressahomx għall-ħlas, molto pjù li jiġi żewġ oħthom;

Osserva wkoll *id-difensur illi* l-*konvenut irċieva d-delegazzjoni* ta' diversi pagamenti oħra f'somma konsiderevoli, u intant ilmenti ta' kredituri oħra ma kienx hemm. Iżda lanqas din l-osservazzjoni ma tgħin lill-konvenut; għaliex il-pont involut f'din il-kawża hu jekk il-konvenut għamelx jew le l-prova tal-pagament "lill-attur", u din il-prova ma jagħmilhiex billi jgħid li ħadd ieħor ġie minnu mħallas;

Ġie anki osservat li ma kienetx pratika tal-konvenut li jeżiġi riċevuta. Apparti l-fatt li Fabiano Scerri qal li l-konvenut ġie li kien jieħu riċevuti ta' xi pagamenti li kien jagħmel, u apparti l-fatt li l-attur qal li l-konvenut stess kien talbu ri-

ċevcta meta l-konvenut kien ħallsu tal-kiri tal-car self-drive, apparti dan, hu ċar li l-fatt ta' l-irċevuta, k'eku kien hemm, kien ikun prova tal-pagament. Jekk ma hemmx, il-konsegwenza hi biss li tonqos din il-prova;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti hi ta' fehma li l-konvenut ma laħaqx il-prova tal-pagament, li tmiss lilu;

Konsegwentement;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' t-talba għas-somma mitluba, bl-imgħax birrata kummerċjali minn mindu ssarraf iċ-cheque, ċjoè mis-26 ta' Awissu 1946, u bl-ispejjeż.